32006D0084

L 40/21 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 11.2.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Frar 2006

dwar kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-Ġermanja u għall-Portugall għall-programmi tagħhom sabiex isaħħu infrastrutturi ta' spezzjoni għall-iċċekkjar tas-saħħa tal-pjanti fuq pjanti u prodotti tal-pjanti li joriġinaw minn pajjiżi terzi

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 238)

(It-testi bil-Ġermaniż u bil-Portugiż biss huma awtentiċi)

(2006/84/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara tal-pjanti, u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari s-sitt subparagrafu ta' l-Artikolu 13c (5) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2000/29/KE tistipola l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità li għandha tingħata lill-Istati Membri sabiex isaħħu l-infrastrutturi ta' spezzjoni għall-iċċekkjar tas-saħħa tal-pjanti u l-prodotti tal-pjanti li joriġinaw minn pajjiżi terzi.

(2) Kemm il-Ġermanja kif ukoll il-Portugall stabbilixxew programm kull wieħed sabiex isaħħu l-infrastrutturi ta' spezzjoni tagħhom għall-iċċekkjar tal-pjanti u l-prodotti tal-pjanti li joriġinaw minn pajjiżi terzi. Huma applikaw għall-allokazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-2006 għal dawk il-programmi skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 998/2002 tal-11 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati ma' l-allokazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-Istati Membri sabiex isaħħu l-infrastrutturi ta' spezzjoni għall-iċċekkjar tas-saħħa tal-pjanti u l-prodotti tal-pjanti li ġejjin minn pajjiżi terzi [2].

(3) Permezz ta' l-informazzjoni teknika pprovduta mill-Ġermanja u mill-Portugall, il-Kummissjoni setgħet tanalizza s-sitwazzjoni b'mod preċiż u komprensiv. Il-Kummissjoni ħejjiet lista ta' dawk il-karigi ta' spezzjoni li jsaħħu programmi eliġibbli, li jagħtu dettalji ta' l-ammont propost ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal kull programm. L-informazzjoni kienet ukoll eżaminata mill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti.

(4) Kull programm inkluż f'dik il-lista ġie vvalutat individwalment għall-approvazzjoni. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kondizzjonijiet u l-kriterji stipolati fid-Direttiva 2000/29/KE u r-Regolament (KE) Nru 998/2002 għall-għotja ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità, intlaħqu.

(5) Skond dan, huwa xieraq li tkun allokata kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità sabiex tkopri n-nefqa għal dawk il-programmi għall-2006 mill-Ġermanja u l-Portugall.

(6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-allokazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità bil-għan li tkopri n-nefqa li se ġġarrab il-Ġermanja fl-2006 għall-programm tagħha għat-tisħiħ tal-karigi ta' spezzjoni hija hawnhekk approvata.

2. L-allokazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità bil-għan li tkopri n-nefqa li se jġarrab il-Portugall fl-2006 għall-programm tiegħu għat-tisħiħ tal-karigi ta' spezzjoni hija hawnhekk approvata.

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1; Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/77/KE (ĠU L 296, 12.11.2005, p. 17).

[2] ĠU L 152, 12.6.2002, p. 16. Regolament kien ippubblikat bħala Regolament 997/2002/KE iżda n-numru kien korrett b'corrigendum (ĠU L 153, 13.6.2002, p. 18).

Artikolu 2

1. L-ammont totali ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità kif ipprovdut fl-Artikolu 1 se jkun ta' 45 625 EUR.

2. L-ammont massimu ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal kull Stat Membru kkonċernat għandu jkun kif ġej:

a) EUR 22 025: il-Ġermanja;

b) EUR 23 600: il-Portugall.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Komunità għal kull programm għat-tisħiħ tal-karigi ta' spezzjoni se tkun kif stabbilita fl-Anness.

Artikolu 3

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal kull programm kif stabbilita fl-Anness se titħallas biss meta:

a) tkun ingħatat evidenza tax-xiri u/jew titjib tat-tagħmir u/jew faċilitajiet elenkati fil-programm mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni b'dokumentazzjoni xierqa; kif ukoll

b) tkun tressqet talba għall-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità mill-Istati Membri kkonċernati lill-Kummissjoni, skond id-dispożizzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 998/2002.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Frar 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Member of the Commission

ANNESS

Programmi għat-tisħiħ tal-karigi ta' spezzjoni

Programmi mal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità allokata fl-2006 korrispondenti

Stat Membru	Ismijiet tal-karigi ta' spezzjoni (l-unità amministrattiva, l-isem)	Nefqa eliġibbli (€)	Kontribuzzjoni Finanzjarja massima tal-Komunità (€)
Il-Ġermanja	Hessen, Frankfurt Flughafen, punt ta' dħul 7.2	17 600	8 800
	Hessen, Gießen ZA Kassel, punt ta' dħul 7.3	2 300	1 150
	Mecklenburg-Vorpommern, Rostock, punti ta' dħul 8.2 & 8.3	520	260
	Mecklenburg-Vorpommern, Wismar, punt ta' dħul 8.4	520	260
	Mecklenburg-Vorpommern, Sassnitz-Mukran, punti ta' dħul 8.5 & 8.6	520	260
	Niedersachsen, ZA Wilhelmshaven, punt ta' dħul 9.5	460	230
	Saarland, ZA Flughafen Saarbrücken & ZA Im Hauptgüterbanhof, punti ta' dħul 12.1 & 12.2	500	250
	Schleswig-Holstein, Einlassstelle Kiel, punti ta' dħul 15.3 sa 15.6	5 050	2 525
	Thüringen, Erfurt-Kühnhausen, punt ta' dħul 16.1	16 580	8 290
L-Portugall	Porto (l-ajruport)	3 820	1 910
	Leixões (il-port)	5 620	2 810
	Aveiro (il-port)	5 620	2 810
	Liżbona (l-ajruport)	3 820	1 910
	Liżbona (il-port)	5 620	2 810
	Setúbal (il-port)	5 620	2 810
	Sines (il-port)	5 620	2 810
	Faro (l-ajruport)	3 820	1 910
	Ponta Delgada (l-ajruport)	3 820	1 910
	Funchal (l-ajruport)	3 820	1 910
Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali tal-Komunità (€)			45 625